



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Frar 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0048(NLE)

6446/21
ADD 22

RECH 72
COMPET 123
IND 40
MI 105
SAN 82
TRANS 94
AVIATION 42
ENER 50
ENV 94
SOC 95
TELECOM 70
AGRI 79
SUSTDEV 22
REGIO 29
IA 22

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Frar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 38 final - Part 1/9
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa Sħubija UE-Afrika għas-Saħħa Globali (Saħħa Globali EDCTP3)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2021) 38 final - Part 1/9.

Mehmuż: SWD(2021) 38 final - Part 1/9



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2021
SWD(2021) 38 final

PART 1/9

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta'
Orizzont Ewropa**

Sħubija UE-Afrika għas-Saħħa Globali (Saħħa Globali EDCTP3)

{COM(2021) 87 final} - {SEC(2021) 100 final} - {SWD(2021) 37 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv (Massimu ta' 2 paġni)
Valutazzjoni tal-impatt dwar Sħubija UE-Afrika għas-Saħħa Globali (Saħħa Globali EDCTP3)
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?
Il-mard infettiv relatat mal-faqar u li jiġi traskurat jibqa' l-kawża prinċipali tal-mewt, tad-diżabilità u tal-mard f'haġna pajjiżi, u l-pajjiżi bi dħul baxx u medju jġarrbu l-ikbar piż. Barra minn hekk, parzjalment minħabba l-bidliet fl-ambjent u fil-klima, għadd dejjem ikbar ta' patoġeni li qed jitfaċċaw, jew li qed jergġhu jitfaċċaw b'karatteristiċi ġodda, qed joħolqu tifqigħat bħall-COVID-19. Dawn jistgħu jinfirxu b'mod rapidu madwar id-dinja, u joħolqu tbatija kbira umana u ekonomika f'haġna pajjiżi, inkluż fl-Ewropa. Għalkemm kien hemm żviluppi sostanzjali fil-qasam, speċjalment f'termini ta' terapiji ġodda, iż-żieda fir-reżistenza għall-antimikrobiċi qed tnaqqas l-effikaċja tat-trattamenti eżistenti, u l-vaċċini disponibbli mhumiex dejjem ikunu effettivi biżżejjed. Teknoloġiji tas-saħħa ġodda, bħat-testijiet dijanjostiċi preċiżi, trattamenti terapewtiċi u vaċċini preventivi huma meħtieġa biex itaffu l-piż ta' mard infettiv u biex jiżguraw li n-nies jgħixu haġġiet f'saħħithom u produttivi, speċjalment fir-reġjun l-aktar vulnerabbli u milqut, jiġifieri l-Afrika sub-Saħarjana.
X'jenħtieġ li jinkiseb?
Is-Sħubija UE-Afrika għas-Saħħa Globali (Saħħa Globali EDCTP3) għandha l-għan li tnaqqas il-piż tal-mard infettiv fl-Afrika sub-Saħarjana u biex tgħin fil-kontroll tal-mard infettiv li qed jitfaċċa b'mod globali. Dan se jintlaħaq billi naħdmu fi sħubija mal-pajjiżi Afrikani sub-Saħarjani dwar aġenda strateġika komuni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex: • navvanzaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji tas-saħħa effiċjenti ġodda jew imtejba; • nikkoordinaw l-isforzi tar-R&I; • insaħħu l-kapaċità tar-R&I biex nindirizzaw il-mard infettiv; u • inżidu t-tnejn tar-R&I, l-identifikazzjoni bikrija u l-kontroll ta' mard infettiv li qed jitfaċċa (jew li qed jerġa' jitfaċċa) fl-Afrika sub-Saħarjana u fil-livell globali.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
L-azzjoni tal-UE koordinata u koerenti se tgħin biex tingħeleb il-frammentazzjoni tal-finanzjament tar-R&I, biex tiġbed massa kritika ta' organizzazzjonijiet u l-investiment meħtieġ biex tiġi indirizzata din l-isfida tas-saħħa globali, u tiffaċilita l-kollaborazzjoni u r-rispons strateġiku għall-mard infettiv li qed jitfaċċa jew li qed jerġa' jitfaċċa. Din se żżid ukoll l-impatt u l-kosteffettività tal-azzjoni u tal-investiment Ewropej. Sħubija li tista' tlaqqa flimkien lill-UE, lill-pajjiżi Ewropej, lill-pajjiżi Afrikani, lill-pajjiżi terzi oħra u lill-finanzjaturi tas-saħħa privati globali, se jkollha impatt kbir fil-livell globali.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma d-diversi għażliet biex jinkisbu l-oġġettivi? Hemm jew le xi għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?
Sabiex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, minbarra s-sejthiet għal proposti ta' programm qafas tradizzjonali, tqiesu l-erba' għażliet li ġejjin: • sħubija Ewropea koprogrammata;

- sħubija Ewropea kofinanzjata;
- sħubija istituzzjonalizzata skont l-Artikolu 185 tat-Trattat tal-UE;
- sħubija istituzzjonalizzata skont l-Artikolu 187 tat-Trattat.

Sħubija istituzzjonalizzata skont l-Artikolu 187 hija l-għażla ppreferuta. Din se tippermetti lill-pajjiżi, għajr l-Istati Membri tal-UE jew Stati Assoċjati, pereżempju l-Afrika sub-Saħarjana u pajjiżi terzi oħra, biex ikunu involuti. L-għażla tal-Artikolu 187 se tippermetti wkoll il-kollaborazzjoni mal-industrija u ma' fondazzjonijiet tal-karità, li jistgħu jgħinu biex tiġi avvanzata l-aġenda komuni tar-R&I. Din l-għażla għandha l-akbar kapacià biex tingrana l-fondi u jkollha l-akbar impatt.

X'jidhrilhom il-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-partijiet ikkonċernati kienu unanimi fil-preferenza tagħhom għal sħubija Ewropea istituzzjonalizzata skont l-Artikolu 185 jew 187. L-għażla tal-Artikolu 187 tlaqqa' flimkien firxa usa' ta' partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati, li għandha tiżgura impenn fit-tul, ċertezza finanzjarja u struttura organizzazzjonali effiċjenti, li jwasslu għal impatt potenzjali ikbar.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma ta' dawk l-ewlenin)?

Appoġġ fit-tul u koerenti għall-attivitajiet tar-R&I dwar il-mard infettiv, in-networks, il-kapaċitajiet tar-riċerka u l-iskambju tal-għarfien bejn l-istituzzjonijiet u l-pajjiżi Ewropej u l-pajjiżi Afrikani sub-Saħarjani se jnaqqas l-piż tal-mard fl-Afrika sub-Saħarjana, u se jikkontrolla aħjar il-mard infettiv li qed jitfaċċa u li qed jerġa jitfaċċa fl-Afrika sub-Saħarjana u fil-livell globali. Hi u tiffoka fuq ir-riċerka klinika, l-impatt tas-sħubija għandu jieħu l-forma ta' teknoloġiji tas-saħħa effettivi li huma lesti għall-produzzjoni, għad-distribuzzjoni u għall-bejgħ.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma ta' dawk l-ewlenin)?

Il-kost għat-tmexxija tal-istruttura ta' implimentazzjoni maħluqa apposta għandu jkun inqas minn EUR 6 miljuni fis-sena, dan jiddependi fuq l-ammont tal-baġit totali. Għandu jkun hemm ukoll EUR 0.3 miljuni kost ta' darba biex titwaqqaf l-istruttura.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?

L-SMEs se jkunu jistgħu jieħdu sehem fis-sejħiet għal proposti tas-sħubija. Mhuwix mistenni li l-impatt għalihom se jkun differenti mis-sejħiet għal proposti ta' programm qafas normali. Madankollu, opportunitajiet sinifikanti — b'mod partikolari fid-diġitalizzazzjoni tat-teknoloġiji tas-saħħa — jistgħu jwasslu għat-tkabbir tas-settur tal-SME fl-Ewropa u fl-Afrika.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Is-sħubija se tgħin tissimplifika l-infiq tal-Istati Membri fuq ir-R&I dwar il-mard infettiv, inkluż dwar il-kooperazzjoni internazzjonali. Din se tgħin ukoll lill-pajjiżi Afrikani sub-Saħarjani jippjanaw il-baġits tas-sistemi ta' riċerka dwar is-saħħa nazzjonali tagħhom.

Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħra?

Is-sħubija se tgħin r-R&I fil-vaċċini, fid-dijanostika u fil-mediċini għall-mard infettiv li primarjament jolqot lill-pajjiżi bi dħul baxx u medju, filwaqt li tgħin biex jiġu żgurati haġġiet f'saħħithom kif ukoll il-

benesseri tan-nies ta' kull età (SDG3) u biex jintemm il-faqar f'kull forma tiegħu kullimkien (SDG1).
Proporzjonalità?
L-għażla ppreferuta tipprovdi l-elementi kollha biex jinkisbu l-oġġettivi u ma tmurx lil hinn min dak li hu meħtieġ biex tissolva l-problema.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Il-politika se tiġi rieżaminata f'konformità mal-iskeda taż-żmien stabbilita fir-Regolament ta' Orizzont Ewropa u mar-rekwiżiti li għandhom jiġu stabbiliti fl-att bażiku rilevanti.